MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 220/2007

Kawza fil-lista: 52

**A B**
**vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk :

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja (8) ta' Marzu, tas-sena elf, disa' mija, sebgha u disghin (1997) fir-Registru Pubbliku, Valletta, Malta (Dok. A);

2. Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied;

3. Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta’ sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Citazzjoni Numru: 1931/00RCP) fis-27 ta’ Ottubru, 2005 (vide Dok. B);

4. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittjiet u dmirijiet essenzjali taghhom;

5. Illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat fit-tmienja (8) ta’ Marzu, tas-sena elf, disa’ mija, sebgha u disghin (1997) hawn fuq imsemmi, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f’ dan ir-rigward.

Bl-ispejjez, kontra l-intimata li tibqa’ ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat li l-konvenuta, debitament ingunta, ghazlet li tibqa’ kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-27 ta’ Ottubru 2005 fl-istess ismijiet, li permezz taghha, inter alia, giet pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta kuntrattat fit-8 ta’ Marzu 1997 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat

fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu zzewwgu fit-8 ta' Marzu 1997 meta allura l-attur kellu 28 sena u l-konvenuta kellha 29 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa tlett snin. Il-partijiet kienu jargumentaw ta' spiss fuq il-flus, anke qabel iz-zwieg; izda l-akbar fonti ta' inkwiet bejniethom kien il-fatt li, nonostante l-isforzi tal-partijiet, dawn ma kellhomx tfal, filwaqt li l-konvenuta kienet twahhal fl-attur li kien jaghmel xi haga biex hu ma jkunx jista' ikollu tfal. Wara konvivenza ta' circa sentejn, il-konvenuta qalet lill-attur "jien daqshekk mieghek. Qaltli jiena ghad indahhlek il-Qorti" u di fatti wara circa xaharejn fethet il-proceduri ghas-separazzjoni personali.

Illi l-Konsulent Psikjatra Dottor Joseph Cassar [illum Segretarju Parlamentari] nominat espert mediku fil-kawza tas-separazzjoni, jghid fir-rapport tieghu, li l-partijiet kellhom "problemi psikologici karatterjali u relazzjonali ; il-profili psikologici jindikaw certu karatteristici li flok jghinu lil xulxin ifixklu hafna s-sitwazzjoni .... [u] .... li l-partijiet m' ghandhomx l-ghodda psikologici u konjittivi biex iharsu lejn id-diffikultajiet taghhom u jilhqu kompormess." u jikkonkludi li "ghalkemm ma jbatux minn mard serju psikjatriku, huma t-tnejn ghandhom problemi psikologici kbar, kif ukoll limitazzjonijiet konjittivi li setghux kkrejaw il-problemi ta' natura sesswali, u wasslu ghal sitwazzjoni rriversibbli bejn il-koppja."1

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti hija tal-fehema li f' dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront taz-zewg partijiet il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huma kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq l-import tal-hajja konjugali, stante li kienu <u>nkapaci li jassumi</u> l-obbligi derivanti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-<u>benessere reciproku</u>, u l-problemi psikologici taghhom

[1] Brani citati fis-sentenza fuq indikati – sottolinear ta' din il-Qorti

kienu ta’ xkiel serju sabiex tinbena bejniethom “a community of love and life.”

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt skond l-artikolu 19[1][a] tal-Kap.255, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-8 ta’ Marzu 1997.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------